MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Numru 270/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**MARIO FARRUGIA.**

**Illum 9 ta’ April 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Farrugia ta’ 36 sena, bin il-mejjet Joseph u Maria nee’ Sapiano, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ April 1965 u residenti numru 40, Triq San Mikiel Bormla, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 203165 M;

Talli fl-24 ta’ Jannar 2002, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

Talli fil-11 ta’ Jannar 2002, ghall-habta tal-11.00am, fi Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ hand bag u diversi oggetti ohra minn go vettura ta’ l-ghamla Subaru bin-numru tar-registrazzjoni LCK 735, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta’ Victoria Van Der Weerdt;

U aktar talli fl-24 ta’ Jannar ghall-habta tad-9.30 am, fi Triq ta’ l-Ibragg, Swieqi, ikkommetta serq ta’ hand-bag u diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti minn go vettura ta’ l-ghamla Fiat Tempra bin-numru tar-registrazzjoni ABF 232, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur liema valur jeccedi l-mitt lira maltin izda anqas minn elf lira maltin, liema serq sar ghad-dannu ta’ Miriam Lubrano;

U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok, u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema

sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Kif ukoll talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu nhar l-24 ta’ Frar 2000 u nhar is-16 ta’ Novembru 2000;

U kif ukoll talli kiser il-provediemtn tal-probation Act;

Wara illi rat l-Artikoli 18, 49, 50, 289, tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkondanna lill-istess imputat ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest, u kif ukoll qeghda testendi l-perjodu tas-sentenza sospiza datata 24 ta’ Frar 2000. Din il-Qorti qeghda wkoll tinnomina lill-Probation Officer M.Grace Vella, sabiex tirraporta verbalment minn zmien ghal zmien, matul il-perjodu ta’ sentejn, bl-andament ta’ l-imputat, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-kapitolu 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------